SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

20 ta' Ġunju 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Taxxa tal-boll – Tranżazzjonijiet għal żmien qasir li jinvolvu flus kontanti – Mutwatarji residenti u mhux residenti – Differenza fit-trattament – Restrizzjoni"

Fil-Kawża C-420/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Lulju 2023, fil-proċedura

Faurécia – Assentos de Automóvel Lda

vs

Autoridade Tributária e Aduaneira,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, P. G. Xuereb u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Faurécia – Assentos de Automóvel Lda, minn D. Soares u S. Soares, advogadas,

– għall-Gvern Portugiż, minn P. Barros da Costa, H. Gomes Magno u A. Rodrigues, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Caro de Sousa u W. Roels, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 TFUE u 63 TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 65(3) TFUE.

2 Din it-talba saret fil-kuntest ta' tilwima bejn Faurécia – Assentos de Automóvel Lda (iktar 'il quddiem "Faurécia") u l-Autoridade Tributária e Aduaneira (l-Amministrazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet u tad-Dwana, il-Portugall), dwar l-impożizzjoni ta' taxxa tal-boll fuq tranżazzjonijiet għal żmien qasir li jinvolvu flus kontanti.

Id-dritt Portugiż

3 L-Artikolu 1(1) tal-Código do Imposto do Selo (il-Kodiċi tat-Taxxa tal-Boll), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iċ-"CIS"), huwa fformulat kif ġej:

"It-taxxa tal-boll għandha tinġabar fuq kull att, kuntratt, dokument, titolu, karta u kull fatt ieħor jew sitwazzjoni ġuridika oħra previsti fit-[Tabela Geral do Imposto do Selo (it-Tariffa Ġenerali dwar it-Taxxa tal-Boll)], inkluż it-trasferimenti ta' oġġetti mingħajr ħlas."

4 Skont l-Artikolu 7(1) u (2) taċ-CIS:

"1. Dawn li ġejjin huma wkoll eżentati mit-taxxa tal-boll:

[…]

(g) it-tranżazzjonijiet finanzjarji, inkluż l-imgħax fuqhom, għal mhux iktar minn sena, kemm-il darba dawn ikunu esklużivament maħsuba sabiex ikopru nuqqasijiet ta' likwidità u kemm-il darba jkunu twettqu minn kumpanniji ta' kapital ta' riskju (SCR) favur kumpanniji li jkollhom ishma fihom, kif ukoll it-tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa minn kumpanniji oħra favur kumpanniji kkontrollati minnhom jew kumpanniji li fihom ikollhom mill-inqas 10 % tal-kapital bi dritt tal-vot jew li l-valur tal-akkwist tagħhom ma jkunx inqas minn EUR 5 000 000, skont l-aħħar karta tal-bilanċ approvata, u t-tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa għall-benefiċċju ta' kumpannija li magħha jkun hemm relazzjoni ta' kontroll jew ta' grupp;

[…]

2. L-Artikolu 7(1)(g) u (h) ma japplikax fejn wieħed mill-intervenjenti ma jkollux is-sede tiegħu jew l-amministrazzjoni effettiva tiegħu fit-territorju nazzjonali, ħlief għal dawk is-sitwazzjonijiet li fihom il-kreditur ikollu s-sede tiegħu jew l-amministrazzjoni effettiva tiegħu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat li japplika għalih ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja fuq id-dħul u fuq il-kapital konklużmar-Repubblika Portugiża, f'liema każ għandu jinżamm id-dritt għall-eżenzjoni, ħlief jekk il-kreditur ma jkunx wettaq minn qabel il-finanzjamenti previsti fl-Artikolu 7(1)(g) u (h), permezz ta' tranżazzjonijiet ma' istituzzjonijiet ta' kreditu jew korporazzjonijiet finanzjarji stabbiliti barra mill-pajjiż jew ma' sussidjarji jew fergħat barra mill-pajjiż ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' korporazzjonijiet finanzjarji stabbiliti fit-territorju nazzjonali."

5 Il-punt 17 tat-Tariffa Ġenerali dwar it-Taxxa tal-Boll, intitolat "Tranżazzjonijiet finanzjarji", huwa fformulat kif ġej:

"17.1. Għall-użu tal-kreditu, fil-forma ta' fondi, ta' beni u ta' assi oħra, permezz tal-għoti ta' kreditu taħt kwalunkwe titolu, inkluż it-trasferiment ta' krediti, il-factoring u t-tranżazzjonijiet li jinvolvu flus kontanti meta jkunu jinvolvu kwalunkwe tip ta' finanzjament favur iċ-ċessjonarju, il-klijent jew id-debitur, u dan filwaqt li l-estensjoni tat-tul tal-kuntratt għandha dejjem titqies bħala għoti ġdid ta' kreditu – sal-valur rispettiv tiegħu, skont it-tul ta' żmien tiegħu:

[…]

17.1.4. il-kreditu użat fil-forma ta' kont kurrenti, overdraft bankarju jew kull forma oħra li t-tul tal-użu tagħha la jkun iddeterminat u lanqas ikun jista' jiġi ddeterminat, fuq il-medja mensili li wieħed jasal għaliha billi jgħodd flimkien il-bilanċi dovuti ddokumentati kuljum, għal żmien xahar, u jiddividihom bi 30 – 0.04 %."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

6 Faurécia, kumpannija stabbilita fil-Portugall, topera fl-industrija tal-provvista tal-karozzi. Fiż-żmien li fih ġraw il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, hija kienet proprjetà tal-kumpanniji Faurécia Investments SA (99.99 %) u Financière Faurécia SA (0.01 %), it-tnejn li huma stabbiliti fi Franza u parti mill-istess grupp (iktar 'il quddiem il-"grupp Faurécia").

7 Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni tal-likwidità fi ħdan il-grupp Faurécia, fi Frar 2000 ġie ffirmat ftehim ta' ġestjoni ċċentralizzata tal-likwidità ("cash pooling") bejn l-entitajiet ta' dan il-grupp, li permezz tiegħu Financière Faurécia ġiet fdata b'din il-ġestjoni. Skont dan il-ftehim, l-eċċess ta' likwidità ġġenerat minn ċerti entitajiet tal-grupp Faurécia kellu jiġi ttrasferit, fil-forma ta' għoti ta' self bl-imgħax, fil-kont ta' Faurécia Investments li mbagħad kienet responsabbli li, permezz ta' dawn il-fondi, tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' likwidità ta' entitajiet oħra tal-grupp Faurécia.

8 Huwa f'dan il-kuntest li ġie konkluż kuntratt ta' self bejn Faurécia, fil-kwalità ta' mutwant, u Faurécia Investments, fil-kwalità ta' mutwatarju. Skont dan il-kuntratt, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011, Faurécia tat lil Faurécia Investments self fil-forma ta' kreditu li jdur (revolving credit) għal żmien sena fl-ammont massimu ta' EUR 65 miljun, bil-ħlas tal-imgħax ikkalkolat fl-aħħar ta' kull xahar abbażi tal-użu mensili tal-kreditu. L-imsemmi kuntratt kien is-suġġett ta' diversi emendi ulterjuri, li jikkonċernaw b'mod partikolari t-tul tiegħu u l-ammont massimu tas-self.

9 Wara erba' kontrolli fiskali mwettqa matul l-2019, li kienu jirrigwardaw is-snin finanzjarji 2014 sa 2017, l-Amministrazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet u tad-Dwana wettqet aġġustament fiskali, billi qieset li tali tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self minn Faurecia kienu suġġetti għat-taxxa tal-boll.

10 Wara li r-rikors amministrattiv tagħha kontra dan l-aġġustament fiskali ġie miċħud, Faurécia adixxiet lit-Tribunal Arbitral em Matéria Tributária (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv – CAAD), il-Portugall) b'rikors ibbażat, b'mod partikolari, fuq ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' moviment liberu tal-kapital stabbiliti fl-Artikoli 18 u 63 TFUE, rispettivament. Din il-qorti tal-arbitraġġ tat deċiżjoni fit-3 ta' Novembru 2020, li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors ta' Faurécia. Issa, f'deċiżjoni preċedenti, tas-6 ta' Ottubru 2020, li kienet tinvolvi l-istess partijiet,

għall-istess fatti u abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li baqgħet ma nbidlitx minn dak iż-żmien, l-imsemmija qorti tal-arbitraġġ kienet iddeċidiet li l-impożizzjoni tat-taxxa tal-boll kienet tmur kontra l-moviment liberu tal-kapital.

11 Faurécia appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal Arbitral em Matéria Tributária (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv – CAAD)) tat-3 ta' Novembru 2020 quddiem is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall), il-qorti tar-rinviju, billi, fil-fehma tagħha, din id-deċiżjoni tmur kontra dik mogħtija mill-istess qorti tal-arbitraġġ fis-6 ta' Ottubru 2020.

12 Il-qorti tar-rinviju hija għalhekk mitluba tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti taċ-CIS humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, bħala prinċipju, l-eżenzjoni mit-taxxa tal-boll, prevista fl-Artikolu 7(1)(g) taċ-CIS, tapplika għat-tranżazzjonijiet finanzjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Madankollu, l-Artikolu 7(2) taċ-CIS jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni, peress li din tal-aħħar ma tapplikax fejn wieħed mill-intervenjenti ma jkollux is-sede jew l-amministrazzjoni effettiva tiegħu fil-Portugall.

13 Għalkemm l-Artikolu 7(2) taċ-CIS jipprevedi eċċezzjoni għall-esklużjoni mill-eżenzjoni, din l-eċċezzjoni tapplika biss fejn il-kreditur ikollu s-sede jew l-amministrazzjoni effettiva tiegħu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat li miegħu r-Repubblika Portugiża tkun ikkonkludiet ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja fuq id-dħul u fuq il-kapital. Issa, f'dan il-każ, il-kreditur, jiġifieri Faurécia, għandu s-sede tiegħu fil-Portugall, b'tali mod li din il-kumpannija ma taqax taħt l-imsemmija eċċezzjoni.

14 Il-qorti tar-rinviju żżid tgħid li, fid-deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 2020, it-Tribunal Arbitral em Matéria Tributária (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv – CAAD)) qieset li l-Artikolu 7(2) taċ-CIS kien jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital, peress li r-residenti tal-Istati Membri l-oħra kienu mċaħħda mill-possibbiltà li jibbenefikaw, fir-rigward tat-taxxa tal-boll, mill-eżenzjoni applikabbli għas-self ikkuntrattat fil-Portugall.

15 Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tat-3 ta' Novembru 2020, il-fatt li, f'dan il-każ, il-persuna suġġetta għat-taxxa tal-boll hija l-kreditur, jiġifieri Faurécia, u mhux id-debitur stabbilit fi Franza, ġiet meqjusa bħala determinanti sabiex wieħed jasal għal konklużjoni bil-maqlub ta' dik tad-deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 2020. B'hekk, fid-deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2020, it-Tribunal Arbitral em Matéria Tributária (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru ta' Arbitraġġ Amministrattiv – CAAD)) iddeċidiet li, fir-rigward tat-taxxa tal-boll, il-krediturі residenti fil-Portugall ma kienu suġġetti għal ebda trattament fiskali differenti abbażi tan-nazzjonalità jew tar-residenza tal-mutwatarji tagħhom.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Ir-regola prevista fl-Artikolu 7(2) [taċ-CIS], li skontha l-eżenzjoni mit-taxxa tal-boll prevista għat-tranżazzjonijiet ta' żmien qasir li jinvolvu flus kontanti għandha tapplika meta dawn isiru bejn żewġ entitajiet residenti fil-Portugall jew meta min jissellef ikun residenti fil-Portugall (filwaqt li l-kreditur ikun residenti fl-Unjoni Ewropea) iżda ma għandhiex tapplika meta min

jissellef (id-debitur) ikun residenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u min isellef (il-kreditur) ikun residenti fil-Portugall, hija konformi mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' moviment liberu tal-kapital, stabbiliti fl-Artikoli 18, 63 u 65(3) TFUE?"

Fuq id-domanda preliminari

17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 18 u 63, kif ukoll l-Artikolu 65(3) TFUE, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha t-tranżazzjonijiet għal żmien qasir li jinvolvu flus kontanti huma eżentati minn taxxa tal-boll meta jkunu jinvolvu żewġ entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru jew meta l- mutwatarju – il-persuna li tissellef – ikun stabbilit f'dak l-Istat Membru, iżda ma humiex hekk eżentati meta l-mutwant – il-persuna li ssellef – ikun stabbilit fl-imsemmi Stat Membru u l-mutwatarju jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor.

Fuq il-prinċipji u l-libertajiet applikabbli

18 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 18 TFUE huwa intiż li japplika indipendentement biss f'sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom it-Trattat FUE ma jkun jipprevedi ebda regola speċifika ta' nondiskriminazzjoni (sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Autoridade Tributária e Aduaneira (Taxxa fuq il-qligħ kapitali minn proprjetà immobbli), C-388/19, EU:C:2021:212, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Issa, it-Trattat FUE jipprevedi b'mod partikolari, fl-Artikolu 63 tiegħu, regola speċifika ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-libertà ta' moviment tal-kapital (sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Autoridade Tributária e Aduaneira (Taxxa fuq il-qligħ kapitali minn proprjetà immobbli), C-388/19, EU:C:2021:212, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li s-self mogħti minn persuni residenti lil persuni mhux residenti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi moviment tal-kapital li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 1999, Sandoz, C-439/97, EU:C:1999:499, punt 7).

20 Għaldaqstant, hemm lok li d-domanda preliminari tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE.

Fuq il-moviment liberu tal-kapital

21 L-Artikolu 63(1) TFUE jipprojbixxi b'mod ġenerali r-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri. Il-miżuri pprojbiti minn din id-dispożizzjoni, bħala restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddisswadu lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddisswadu lir-residenti tal-imsemmi Stat Membru milli jinvestu fi Stati oħra (sentenza tas-27 ta' April 2023, L Fund, C-537/20, EU:C:2023:339, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li fil-każ ta' għoti ta' self minn resident Portugiż, iċ-CIS kien jipprevedi regoli ta' tassazzjoni differenti skont jekk il-mutwatarju kienx jirrisjedi fil-Portugall jew le, u dan fis-sens li eżenzjoni mit-taxxa tal-boll kienet prevista biss fejn il-mutwatarju kien jirrisjedi fil-Portugall.

23 Tali differenza fit-trattament hija ta' natura li tagħmel inqas attraenti, għar-residenti Portugiżi, l-investimenti, bħalma huwa l-għoti ta' self, magħmula barra mill-pajjiż, meta mqabbla mal-investimenti magħmula fit-territorju Portugiż. Din id-differenza fit-trattament toħloq wkoll effett restrittiv fir-rigward tal-mutwatarji mhux residenti inkwantu jikkostitwixxi fir-rigward tagħhom ostakolu għall-ġbir ta' kapital fil-Portugall li l-mutwatarji residenti ma jirriskontrawx.

24 F'dan il-kuntest, huwa irrilevanti l-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni Portugiża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-persuna suġġetta għat-taxxa tal-boll hija l-mutwant stabbilit fil-Portugall u mhux il-mutwatarju stabbilit fi Stat Membru ieħor. Effettivament, il-fatt li l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-kapital isir inqas attraenti minħabba leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali li tittratta b'mod differenti sitwazzjoni interna u sitwazzjoni transkonfinali huwa biżżejjed minnu nnifsu sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' restrizzjoni.

25 Barra minn hekk, l-argument tal-Gvern Portugiż li t-taxxa tal-boll ma tikkostitwixxix piż fiskali għall-mutwant lanqas ma huwa ta' natura li juri n-nuqqas ta' restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital, minħabba li huma l-mutwatarji li effettivament ibatu t-taxxa u dan filwaqt li, bħala regola ġenerali, ikollhom il-possibbiltà li jnaqqsu l-ammont tagħha fil-kuntest tat-taxxa fuq il-profitti.

26 Ċertament, huwa possibbli li, kif proprju indikat ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali stess fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ikun il-mutwatarju li fl-aħħar mill-aħħar ibati t-taxxa tal-boll, jew għaliex il-mutwant jiċċarġjah ammont korrispondenti, jew għaliex it-taxxa tintalab direttament mingħandu fil-każ fejn il-persuna taxxabbli ma tħallasx din it-taxxa. Madankollu, minn naħa, din il-konstatazzjoni ma tbiddel xejn mill-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa l-mutwant li huwa suġġett għat-taxxa tal-boll. Min-naħa l-oħra, fi kwalunkwe każ, kif ġie rrilevat fil-punt 23 ta' din is-sentenza, din il-leġiżlazzjoni toħloq effett restrittiv mhux biss fir-rigward tal-mutwanti residenti, iżda wkoll fir-rigward tal-mutwatarji mhux residenti.

27 Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital, li, bħala prinċipju, hija pprojbita mill-Artikolu 63 TFUE.

28 B'dan premess, skont l-Artikolu 65(1)(a) TFUE, l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax id-dritt li għandhom l-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni fir-rigward tar-residenza tagħhom jew tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom.

29 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 65(1)(a) TFUE, inkwantu jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fundamentali ta' moviment liberu tal-kapital, għandu jiġi interpretat b'mod strett. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kull leġiżlazzjoni fiskali li tagħmel distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli skont il-post fejn ikunu residenti jew skont l-Istat li fih jinvestu l-kapital tagħhom hija awtomatikament kompatibbli mat-Trattat (sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, Autoridade Tributária e Aduaneira (Taxxa fuq il-qligħ kapitali minn proprjetà immobbli), C-472/22, EU:C:2023:880, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Fil-fatt, id-differenzi fit-trattament awtorizzati mill-Artikolu 65(1)(a) TFUE ma għandhomx jikkostitwixxu, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni dissimulata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, għalhekk, li tali differenzi fit-trattament jistgħu jiġu awtorizzati biss meta jkunu jirrigwardaw sitwazzjonijiet li ma jkunux

oġġettivament paragunabbli jew, fil-każ kuntrarju, meta jkunu ġġustifikati minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, Autoridade Tributária e Aduaneira (Taxxa fuq il-qligħ kapitali minn proprjetà immobbli), C-472/22, EU:C:2023:880, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-natura paragunabbli ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna tal-Istat Membru għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-objettiv li jfittxu li jilħqu d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, kif ukoll tal-għan u tal-kontenut ta' dawn tal-aħħar. Huma biss il-kriterji ta' distinzjoni rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni kkonċernata li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn tali leġiżlazzjoni tirriflettix differenza oġġettiva bejn sitwazzjoni u oħra (sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, Autoridade Tributária e Aduaneira (Taxxa fuq il-qligħ kapitali minn proprjetà immobbli), C-472/22, EU:C:2023:880, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan ir-rigward, minn naħa, la l-qorti tar-rinviju u lanqas il-Gvern Portugiż ma ppreċiżaw l-objettiv imfittex mill-eżenzjoni parzjali tat-taxxa tal-boll li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

33 Min-naħa l-oħra, l-uniku kriterju ta' distinzjoni stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa bbażat fuq il-post ta' residenza tal-mutwatarju, peress li t-tranżazzjonijiet għal żmien qasir li jinvolvu flus kontanti huma eżentati minn taxxa tal-boll meta jkunu jinvolvu żewġ entitajiet stabbiliti fil-Portugall jew meta l-mutwatarju jkun stabbilit f'dan l-Istat Membru, iżda ma humiex hekk eżentati meta l-mutwatarju jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor.

34 Madankollu, kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, fir-rigward tat-taxxa tal-boll miġbura fil-Portugall, il-każ ta' self mogħti lil mutwatarju residenti jidher paragunabbli mal-każ ta' self mogħti lil mutwatarju mhux residenti peress li din it-taxxa hija kkalkolata abbażi ta' kull tranżazzjoni meħuda individwalment u li għaliha tapplika rata ta' tassazzjoni fissa u dan billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tat-tranżazzjoni.

35 B'hekk, fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn din tal-aħħar ma tidhirx, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li hija bbażata fuq differenza oġġettiva bejn sitwazzjoni u oħra.

36 Barra minn hekk, la l-qorti tar-rinviju u lanqas il-Gvern Portugiż ma invokaw raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tiġġustifika r-restrizzjoni li ħolqot din il-leġiżlazzjoni.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha t-tranżazzjonijiet għal żmien qasir li jinvolvu flus kontanti huma eżentati minn taxxa tal-boll meta jkunu jinvolvu żewġ entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru, iżda ma humiex hekk eżentati meta l-mutwatarju jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha t-tranżazzjonijiet għal żmien qasir li jinvolvu flus kontanti huma eżentati minn taxxa tal-boll meta jkunu jinvolvu żewġ entitajiet stabbiliti f'dan l-Istat Membru, iżda ma humiex hekk eżentati meta l-mutwatarju jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor.

Firemż